



Dokument ta' sessjoni

B9-0417/2021

20.7.2021

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura

biex jiġi evitat l-użu ħażin taċ-ċertifikat COVID Diġitali tal-UE minn xi Stati Membri, biex jiġi ristrett l-aċċess taċ-ċittadini għal ċerti servizzi u jitnaqqas l-irkupru ekonomiku

Simona Baldassarre, Mara Bizzotto, Paolo Borchia, Marco Campomenosi, Susanna Ceccardi, Rosanna Conte, Francesca Donato, Danilo Oscar Lancini, Elena Lizzi, Antonio Maria Rinaldi, Annalisa Tardino, Stefania Zambelli, Marco Zanni

Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew biex jiġi evitat l-użu ħażin taċ-ċertifikat COVID Dijitali tal-UE minn xi Stati Membri, biex jiġi ristrett l-aċċess taċ-ċittadini għal ċerti servizzi u jitnaqqas l-irkupru ekonomiku

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/953,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi r-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Dijitali tal-UE huwa bbażat fuq l-Artikolu 21 tat-TFUE¹ u għandu l-għan esklużiv li jiffaċilita l-moviment liberu tal-persuni waqt il-pandemija tal-COVID-19 fiż-żona Schengen;
- B. billi l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni huwa valur fundamentali minqu fit-TFUE u billi l-libertà tal-moviment hija essenzjali;
- C. billi diversi stati introduċew distinzjoni tal-aċċess għall-ispazji pubbliċi permezz tal-obbligu li jintwera pass tas-saħħha;
- D. billi huma bosta l-kategoriji ta' nies li ma jitlaqqmux għal raġunijiet differenti;
- 1. Jissottolinja li ċ-ċertifikat tal-UE ma jistax jintuża għal skopijiet oħra għajr dawk stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/953, u li jekk l-Istati Membri jixtiequ jagħmlu dan, għandu jkollhom bażi legali nazzjonali speċifika;
- 2. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jevitaw l-użu mhux xieraq taċ-ċertifikat tal-UE b'mod li jirrestrinġi l-libertajiet fundamentali;
- 3. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-Istati Membri ma jitħolbox is-ċertifikat tal-UE għall-aċċess għal servizzi essenzjali;
- 4. Jistieden lill-Istati biex iħallsu l-ispejjeż li jgħarrbu ċ-ċittadini biex iwettqu s-swabs.

¹ Ir-Regolament tal-UE dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati interoperabbi tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan fir-rigward tal-COVID-19.